MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 238/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Vittoria Magri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta’ Marzu, 2011 ghall-habta tal-11.30 hrs waqt li kienet Ent. C., Triq il-Gummar, B’Kara :

1. volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied jew b’mod iehor;
2. ghamlet lil Maria Theresa Farrugia ngurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici jew jekk kienet ipprovokata ngurjat b’mod li harget barra mill-limitu tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Mejju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 338(dd) u 339*e) tal-Kodici Kriminali

sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u minflok infliggiet piena imponiet digriet taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 anness ma din is-sentenza u li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.
Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera minn kwalunkwe piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-

Illi r-rikorrent ma kkagunat l-ebda ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika. Hija kienet kwieta go darha, habbat il-bieb ta' barra u flokha sabet lil tal-posta sabet ma wiccha lil Edwin Farrugia u martu Maria Teresa Farrugia. Dawn bdew jinbuttaw il-bieb tal-flat biex jidhlu go darha. Fil-fatt dahlu f'darha kontra l-volonta` taghha u Edwin Farrugia qabad lir-rikorrenti minn spalejja biex johrogha barra mill-flat. Hija rresistit kemm felhet din l-aggressjoni u pprovat tiddifendi ruhha b'putruna tal-plastic. F'din l-aggressjoni hija sofriet ferita ta' natura hafifa fl-ispalla kif iccertifikat Dr. Ethel Farrugia li kopja tac-certifikat taghha qed jigi esebit. L-original ta' dan ic-certifikat huwa esebit fil-kawza privata. Iz-zewg kawzi nstemghu flimkien. Ir-rikorrenti marret ghand it-Tabib Anthony Pisani ghal kura, imma dan ma riedx jitla l-Qorti u baghatha l-policlinic fejn giet certifikata minn Dr. Ethel Farrugia. Il-verzjoni tar-rikorrenti hija korroborata fl-intier taghha mill-affidavit tas-Surgent 1122 Arthur Rizzo. Ma hemm l-ebda dubju li r-rikorrent sofriet ferita ta' natura hafifa meta Edwin Farrugia beda ikaxkara barra mill-flat taghha. Hadd hlief Edwin Farrugia ma aggrediha fil-gurnata tat-12 ta' Marzu, 2011 u certament din il-ferita ma ghamlitihiex ir-rikorrenti fuq il-persuna

taghha nnifisha. Il-Qorti tal-Magistrati flok li sabet hatja lil konjugi Farrugia talli aggredew lir-rikorrenti gewwa darha, minflok sabet hatja lir-rikorrenti u applikat l-artikolu 383 fil-konfront taghha u lliberat lill-konjugi Farrugia. L-aggressuri gew illiberati filwaqt li r-rikorrenti li sofriet l-aggressjoni u l-ferita ta' natura hafifa go darha giet misjuba hatja u giet marbuta b'garanzija.

Mhux talli ma jirrizultax li r-rikorrenti ghamlet xi ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, imma lanqas ukoll ma tirrizulta t-tieni akkuza li r-rikorrenti hedded jew ingurjat lil Maria Teresa Farrugia. Kull ma ghamlet ir-rikorrent kien li talbet lil Maria Teresa Farrugia u lill-uliedha biex ma jkomplux ikunu hodor billi isabtu fuq is-saqaf tal-flat taghha ghaliex kienet qeghda tigi molestata. Hija riedet li tieqaf din il-kattiverja. Fil-lingwa Maltija l-kelma hdura hija sinonima mal-kelma kattiverja. Ghalhekk b'dan id-diskors hija ma kienitx bl-ebda mod qeghda tingurja li Maria Teresa Farrugia.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati difensuri.

Ikkunsidrat :

L-appellanta Vittoria Magri qed tigi addebitata illi fit-12 ta' Marzu, 2011 ghajjret lil Maria Teresa Farrugia billi ingurjatha u hedditha kif ukoll li kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied iehor.

Xehedu f'din l-inkjesta l-istess appellanti u l-parti civili Maria Teresa Farrugia kif ukoll inkwilini ohra fil-blokk ta' apartamenti li tghix Vittoria Magri.

L-appellanta tokkupa l-fond numru 1 Entratura C Binja Vista, Triq il-Gummar, B'Kara w fit-12 ta' Marzu, 2011 b'vuci gholja illi jismaghha kulhadd bdiet tghajjar lit-tfal ta' Maria Teresa Farrugia bhala hodor u lill-istess Maria Teresa Farrugia qaltilha "illi rabbiet it-tfal hodor bhalha".

Farrugia cemplet lir-ragel taghha Edwin sabiex imorru jaghmlu rapport l-ghassa izda dan deherlu illi kellu l-ewwel ikellem lil Vittoria Magri u meta din ta' l-ahhar fethet il-bieb u staqsiha ghaliex kienet qed tghajjar lit-tfal hodor Magri qaltlu illi t-tfal rabbewhom hodor bhalhom u qabdet banketta u bdiet ixxejjirha. Laqtet lil Farrugia u wara dan marru jaghmlu rapport l-ghassa.

Farrugia stess jghid ukoll illi Vittoria Magri dejjem dgerger fuq storbju illi jaghmlu t-tfal, pero` dak inhar it-tfal ma kienux id-dar. Innega illi huwa aggredixxa lil Magri.

Maria Teresa Farrugia xehdet illi kienet wahediha d-dar meta f'daqqa wahda tisma` lil Vittoria Magri tghajjarha hadra u tghid illi rabbiet lit-tfal hodor bhalha.

Gharfet lill-appellanta u kienet certa mid-diskors illi qaltilha.

Dak inhar it-tfal ma kienux id-dar u kienu ghand ohtha. Meta gie r-ragel taghha kienet prezenti meta dan kellem lil Magri fl-indana tat-tarag quddiem l-appartament taghha u hemmhekk Magri kompliet tghajjat u tghajjarhom hodor, ixxejjer banketta sabiex tipprova tolhoqthom u wara marru jaghmlu rapport l-ghassa.

Edward Curmi li joqghod fl-appartament numru 7 fl-istess blokk jghid illi sema` xeba ghajjat mill-"internal yard" u gharaf il-vuci ta' Vittoria Magri. Iddiskriva lil din ta' l-ahhar bhala wahda tghajjat kuljum u toggezzjona ghal kollox anki ghal xoghol ta' gid komuni. Meta sema` dak l-ghajjat u ra minn fejn kien gej ra lil Maria Teresa Farrugia tibki u tghid illi Magri kienet ghajritha hadra. Meta hareg fl-indana tat-tarag ra lir-ragel taghha Edwin barra l-bieb ta' Magri qed jipprova jfiehem lil Magri li t-tfal lanqas kienu d-dar u ra lil Magri tidhol gewwa iggib u xxejjer banketta.

L-istess xehed Julian Falzon illi jokkupa l-flat numru 5. dana meta sema` l-ghajjat hareg fl-indana w ra lil Magri xxejjer banketta fid-direzzjoni ta' Edwin Farrugia, li pero` ma rreagixxiex.

L-appellanta xehdet illi l-konjugi Farrugia dejjem ihabtuha. Dak inhar kien hemm storbju shih u bdiet tghidilha biex ma taghmilx storbju.

Ir-ragel taghha Edwin gie jhabbat il-bieb taghha. Kulhadd kontra taghha u Edwin qabadha minn spallejha u minn idejha biex johrogha l-barra, pero` meta rat hekk qabdet banketta biex tiddefendi ruhha.

Ikkunsidrat :

Id-difiza argumentat illi l-appellanta ma kellhiex tinstab hatja il-ghaliex kien Edwin Farrugia illi mar ghas-sodisfazzjon. Ukoll billi tghajjar lil xi hadd ahdar qed tghid biss biex ma jkunx kattiv u mhux insult, minn naha l-ohra l-Avukat Generali ma jaqbilx ma dan l-argument, avolja huwa jikkoncedi illi Vittoria Magri tbati minn impressjonijiet u assunzjonijiet u hija persuna impressjonattiva hafna.

Il-verzjoni moghtija minn Magri hija partikolari ghaliha u hadd mill-inkwilini li kien prezenti ghall-incident ma kkorrobora.

Ikkunsidrat :

Minn dak illi rrizulta mill-provi din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-Avukat Generali illi l-appellanta hija persuna impressjonattiva hafna u ghandha propensita` illi tibbaza konkluzzjonijiet fuq assunzjonijiet jew xi haga li deherilha illi taghti interpretazzjoni partikolari.

Din l-attitudni twassal ghal karattru litiguz li b'xi mod jew iehor bil-fors tasal biex ikollok xi tghid mal-girien.

Dak inhar it-tfal ta' MariaTeresa Farrugia ma kienux id-dar, pero` xorta wahda l-appellanta deherilha illi kellha tghajjarha u tinsulentha billi timputa` hdura fin-natural taghha w ta' uliedha.

Kuntrarjament ghal dak li allegat id-difiza appellattiv bhal dan huwa insult l-aktar gravi. Li tghajjar persuna hadra

tfisser li din il-persuna m'ghandhix emozjonijiet u taghmel dak illi huwa hazin di natura.

Hemm diversi xhieda illi semghu lill-appellanta tghajjar lil Maria Teresa Farrugia b'dan il-mod u l-Qorti m'ghandhix dubju ghalhekk illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni illi ingurjat u pprovokat lil Maria Teresa Farrugia l-provi tal-prosekuzzjoni juru fic-car li dana huwa ppruvat.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza, li kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied irrizulta illi l-appellanta tant ghajtet,  dak inhar, illi l-girien kollha illi kien hemm prezenti f'dak il-blokk semghuha w meta hargu biex jaraw x'gara raw lill-appellanta bil-banketta f'idejha ixxejjirha w tipprova tolqot lil Edwin Farrugia, ghalhekk anki ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza dina tidher li hija fondata.

Issa ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Issa huwa principju stabbiliet fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondiet tal-istess biex tara jekk dik il-Qorti kienitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha (Il-Pulizija vs Carmelo Schembri [20 t'April 1995]).

Din il-Qorti semghet il-provi u ghamlet l-apprezzament taghha w sabet illi l-Ewwel Qorti kellha ragun biex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, taqta` w tiddiciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------